MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2015

Appell Civili Numru. 870/2008/2

***General Workers Union***

***v.***

***Bank of Valletta p.l.c.***

1. Dan huwa appell tas-soċjeta konvenuta minn sentenza mogħtija fil-11 ta’ Lulju 2011 mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili li laqgħet talba tal-*union* attriċi biex titħassar deċiżjoni mogħtija fl-10 ta’ Mejju 2007 mit-Tribunal Industrijali f’tilwima ta’ xogħol bejn il-partijiet.

2. Il-fatti relevanti huma dawn: b’ittra tat-23 ta’ April 2005 il-Ministru tal-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol irrefera tilwima ta’ xogħol bejn il-partijiet lit-Tribunal Industrijali [“it-Tribunal”]. It-Tribunal ħa parir ta’ avukat – l-Av. Hugh Peralta – dwar il-kompetenza tiegħu u dan il-parir iddaħħal fil-proċess u għalhekk kien magħruf mill-partijiet. Wara li ħa dan il-parir it-Tribunal wasal għad-deċiżjoni tiegħu iżda qabel ma ippubblika d-deċiżjoni ikkonsulta b’mod ġeneriku, u bla ma wera d-dettalji speċifiċi tal-każ u min kienu l-partijiet, ma’ avukat ieħor – l-E.T. Av. George Abela – dwar l-istess materja, *viz.* il-kompetena tat-Tribunal, bla ma għarraf b’dan lill-partijiet u mingħajr ma l-opinjoni mogħtija mill-E.T. Av. Abela ddaħħlet fl-atti. It-Tribunal imbagħad b’deċiżjoni tal-10 ta’ Mejju 2007 qatagħha “unanimament li dan it-Tribunal Industrijali, kif kostitwit, hu prekluż milli jiddeċiedi dwar il-każ. B’hekk tintemm din it-tilwima tax-xogħol”.

3. Il-*union* attriċi appellat minn din id-deċiżjoni iżda l-Qorti tal-Appell b’sentenza tas-26 ta’ Ġunju 2008 ċaħdet l-appell għax qisitu “inammissibbli peress li l-artikolu 82(3) tal-Kap. 452[1] ma jipprovdix għal appell f’dan il-każ”. L-attriċi għalhekk fetħet din il-kawża tallum u talbet

[1] L-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.

illi l-qorti tħassar id-deċiżjoni tat-Tribunal u tordna illi t-Tribunal jagħti d-deċiżjoni tiegħu dwar il-meritu tat-tilwima għax fid-deċiżjoni tal-10 ta' Mejju 2007 t-Tribunal kien:

> "(a) għamel apprezzament erronju tal-liġi li tittratta l-kompetenza u l-komposizzjoni tat-Tribunal Industrijali;
>
> "(b) aġixxa *oltre* l-kompetenza tiegħu u *ultra vires* meta ddikjara mitmuma t-tilwima ta' xogħol mingħajr ma effettivament ta deċiżjoni;
>
> "(c) aġixxa kontra l-prinċipji tal-ġustizzja naturali meta ċaħħad lill-*union* esponenti minn rimedju fil-liġi u ħalla lilu nnifsu jkun influwenzat minn persuna jew persuni estranji għall-proċeduri."

4. B'sentenza tal-11 ta' Marzu 2009 l-ewwel qorti ċaħdet eċċezzjonijiet preliminari mressqa mis-soċjetà konvenuta. Il-konvenuta appellat minn dik is-sentenza iżda din il-qorti b'sentenza tad-19 ta' Jannar 2010 ċaħdet l-appell.

5. Is-smigħ tkompla quddiem l-ewwel qorti li bis-sentenza tal-11 ta' Lulju 2011 li minnha sar dan l-appell laqgħet it-talba tal-attriċi safejn din talbet illi tħassar id-deċiżjoni tat-Tribunal, u ordnat illi t-tilwima tintbagħat mill-ġdid quddiem it-Tribunal għad-deċiżjoni tiegħu, wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

> "Illi kif jidher mill-att promotur l-attriċi qed titlob dikjarazzjoni li d-deċiżjoni meħuda mit-Tribunal Industrijali fl-10 ta' Mejju 2007 hija nulla għar-raġunijiet indikati fir-rikors; il-banka konvenuta qed tikkontesta dan kollu kif jidher mir-risposta ampja li ppreżentat.
>
> "Fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Marzu 2009 fuq imsemmija din il-qorti, *inter alia*, qalet illi:
>
> > ""Ir-raba' eċċezzjoni allura li ġiet intavolata f'każ li l-azzjoni mhijiex taħt l-artikolu 469A trid tiġi investigata; din tgħid illi taħt l-ordinament ġuridiku tagħna din l-azzjoni mhix ammissibbli għaliex m'hemmx rimedju fejn, kif qed jallegaw l-atturi, isir apprezzament ħażin tal-fatti. Il-qorti taqbel ma' dan għaliex altrimenti tkun qed isservi ta' qorti ta' appell, meta, kif ġia rreteniet ġustament il-Qorti tal-Appell fis-sentenza

tagħha fuq l-istess mertu, dan l-appell ma jeżistix. Għalhekk qed tagħmilha ċara li l-*union* attriċi ma tistax tibbaża l-kawża tagħha fuq il-fatt li t-tribunal għamel apprezzament tal-fatti jew inkella interpetazzjoni ħażina tal-liġi *ut sic*. Biss il-qrati tagħna diversi drabi ddikjaraw bl-aktar mod ċar illi huma għandhom kompetenza jissindakaw deċiżjonijiet tat-Tribunal Industrijali fi tliet każi partikolari, u dawn it-tliet każi biss, kif tgħid is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-17 ta' Mejju 1993 fil-kawża fl-ismijiet Dr Vincent Falzon *nomine v*, Isabelle Grima;

"L-impunjazjoni ta' deċiżjonijiet tat-Tribunal Industrijali hija limitata għal tliet kategoriji ta' difetti:

"a. Eċċess ta' ġurisdizzjoni;

"b. Non-osservanza tal-istess liġi kostituttiva;

"ċ. Non-osservanza ta' xi wieħed mill-prinċipji naturali tal-ġustizzja.

"Illi dan l-insenjament jinsab f'diversi sentenzi oħra, bħal Borg D'Anastasi *v.* Decesare *nomine* (Prim'Awla, 3 ta' April 1989) u Mallia *nomine v*. Debono *nomine* (Qorti tal-Appell, 13 ta' Frar 1993), u ħafna sentenzi oħra.

"Għalhekk limitatament dwar dawn it-tliet kawżali, din il-qorti għandha l-ġurisdizzjoni li tisma' l-provi biex tiddeċiedi dwar jekk id-deċiżjoni tat-tribunali tistax tiġi dikjarata nulla ..."

"Illi fi kliem ieħor allura, il-qorti trid tara jekk id-deċiżjoni li ħa t-tribunal fil-vertenza in kwistjoni għandiex tiġi dikjarata nulla minħabba f'xi waħda minn dawn ir-raġunijiet. Fin-nota ta' sottomissjonjiet tagħha l-*union* ikkonċentrat fuq tliet punti, u cjoè illi s-sentenza tat-tribunal ma hijiex motivata, li t-tribunal iddeċieda ħażin fir-rigward tal-kompetenza tiegħu u li l-istess tribunal ħa parir ta' żewġ avukati prattikanti matul il-kors tal-kawża mingħajr ma nforma lill-partijiet. Fil-fatt fin-nota tagħha l-*union* elenkat l-aggravji tagħha fuq:

"1. in-nullità tad-deċiżjoni;

"2. l-apprezzament erronju tal-liġi li titratta l-kompetenza u l-kom-posizzjoni tat-Tribunal Industrijali; u

"3. ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali.

"Illi fir-rigward tal-ewwel lanjanza l-qorti jidhrilha li t-tribunal seta' mmotiva aħjar id-deċiżjoni tiegħu iżda l-attriċi mhix għal kollox korretta meta tgħid li t-tribunal ma mmovitax id-deċiżjoni. Fil-fatt ... ... ... ladarba tiftehem ir-raġuni għad-deċiżjoni tat-tribunal il-qorti ma ssibx li f'dan ir-rigward il-lanjanza hija ġustifikata.

"Illi għal raġunijiet li jidhru ċari aktar 'il quddiem il-qorti l-ewwel se tittratta l-aħħar lanjanza għaliex issib li din hija ġustifikata. Matul il-perkors tal-proċeduri quddiem it-tribunal, l-istess tribunal ħass li, peress li ma kien hemm ebda persuna ta' sfond legali fil-komposizzjoni tiegħu, kellu bżonn parir ta' avukat. Jirriżulta mid-deposizzjoni tal-membri tat-tribunal u tas-segretarju tal-istess organu, Vincent Micallef, li huma avviċinaw l-ewwel lil Dr Hugh Peralta u sussegwentement lil Dr George Abela u ħadu l-parir tagħhom. Dan sar apertament fir-rigward tal-membri tat-tribunal fis-sens li ġew esebiti d-debiti riċevuti rilaxxati minn

dawn iż-żewġ persuni. Naturalment kif sewwa rriflettiet l-attriċi fin-nota tagħha, ma hemm ebda ħsieb li xi ħadd jiddubita mill-integrità jew kapaċità professjonali taż-żewġ avukati msemmija li taw il-pariri li ġew mistoqsija mit-tribunal, iżda indubbjament dan sar mingħajr ma l-partijiet kienu jafu b'dan. F'dan ir-rigward it-tribunal kien obligat li josserva l-artikolu 77(2) tal-Att kostituttiv tiegħu li jindika x'għandu jagħmel it-tribunal meta jkollu bżonn jaħtar esperti. Dan l-artikolu jindika li l-espert għandu jagħti l-opinjoni tiegħu u jikkonfermaha bil-ġurament u dan isir naturalment biex il-partijiet fil-kwistjoni jkunu jistgħu jikkontrollaw dak li qed isir u jekk ikun hemm bżonn isaqsu d-domandi li jidhrilhom anke fuq parir ta' espert *ex parte*. Din hija fuq kollox il-proċedura adottata mill-qrati kif indikata mill-Kodiċi tal-Proċedura u t-tribunal irid isegwiha wkoll anke għat-trasparenza li kienet għal kollox mankanti f'dan il-każ. Għalhekk il-qorti se tiddikjara nulla s-sentenza tat-tribunal billi mhux biss ma ġietx osservata l-proċedura fir-rigward iżda dan ukoll kiser il-prinċipju tal-ġustizzja naturali – *audi alteram partem* – anzi f'dan il-każ kienu ż-żewġ partijiet li ma kellhomx leħen bil-proċedura li adotta t-tribunal. Għalhekk fuq din il-kawżali ċertament il-qorti se tiddikjara nulla d-deċiżjoni meħuda mit-tribunal.

“Illi fir-rigward tat-tieni lment l-*union* qed titlob ukoll li l-qorti tordna lit-tribunal jagħti d-deċiżjoni dwar il-każ in eżami u allura tbiddel id-deċiżjoni tat-tribunal li kif kostitwit ma kellux kompetenza jiddeċiedi l-każ. F'dan ir-rigward normalment il-qorti ma tistax tissostitwixxi ruħha għat-tribunal fis-sens li ma tistax tiddeċiedi hi minflok it-tribunal il-kwistjoni li jkollha quddiemha. Madankollu l-qorti jidhrilha li f'dan il-każ it-tribunal ma setax jiddeċiedi li jittermina l-kwistjoni tax-xogħol kif għamel. Meta tribunal jiddeċiedi li ma jkollux il-kompetenza li tagħtih il-liġi biex jisma' u jiddeċiedi l-każ, ma jtemmx il-vertenza iżda jħalliha miftuħa. Għalhekk jekk f'dan il-każ huwa ddeċieda li ma kienx kompetenti kellu jieqaf hemmhekk u *se mai* iħalli l-każ jieħu l-kors normali tiegħu u b'dan il-mod, jekk ma jkunx hemm impedimenti ta' żmien, jippermetti lil min ikun ipproponih biex jerġa' jagħmel dan. Fil-każ in eżami, il-kostituzzjoni tat-tribunal ma tiddependix mill-partijiet li jressqu l-każ, fis-sens li jkun l-istess apparat amministrattiv li tipprovdi l-liġi li tistabilixxi l-komposizzjoni tiegħu, dejjem naturalment mill-*panel* li huwa mwaqqaf skond l-artikolu 73(2) tal-Att in kwistjoni u skond il-parametri l-oħra tal-istess liġi. Li kellu jagħmel allura t-tribunal f'dan il-każ kien li jiddeċiedi li ma kienx kompetenti kif kostitwit (dejjem jekk iħoss li dan hu l-każ) u allura jippermetti, ukoll jekk ikun il-każ, lil min għandu s-setgħa skond il-liġi li jaħtar tribunal ieħor (u allura kompost mod ieħor) biex jisma' l-każ.

“Illi hemm ukoll fattur ieħor li ma ssemma xejn fit-trattazzjoni tal-kawża, u cjoè li l-banka konvenuta ma jidhirx li f'xi ħin opponiet għall-kompetenza tat-tribunal kif kostitwit u fil-fatt l-istess tribunal sema' diversi xhieda fuq il-mertu qabel ma ta d-deċiżjoni tiegħu.

“Illi l-qorti qed tagħmel dawn il-konstatazzjonijiet peress li hija ma tistax tiddeċiedi jekk it-tribunal kif kien kompost kienx kompetenti jew le għaliex dik hija kwistjoni li jrid jiddeċidiha hu stess skond il-liġi li kkostitwitu u dan anke għaliex billi l-qorti se tiddikjara nulla d-deċiżjoni

> ma tistax fl-istess ħin tirriformaha għax dak li huwa null m'għandux effett – *quod nullum est nullum effectum producit*. Madankollu jidhrilha illi b'dak li qed tindika lit-tribunal, ma terġax ikollha quddiemha deċiżjoni simili, u ċjoè dik ta' tribunal li jiddikjara li mhux kompetenti u fl-istess ħin jagħlaq il-vertenza hu stess!"

6. Is-soċjeta konvenuta appellat minn din id-deċiżjoni b'rikors tad-29 ta' Lulju 2011, li għalih il-*union* attriċi wieġbet fl-24 ta' Awissu 2011. L-aggravju ewlieni tal-konvenuta appellanti huwa illi "s-sentenza hija bażata fuq interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-liġi u apprezzament ħażin tal-fatti".

7. Il-konvenuta tgħid illi ma hemmx ksur ta' *audi alteram partem*:

> "... ... ... għaliex il-komunikazzjoni li kellu t-tribunal ma' terzi ma jistgħux jitqiesu bħala evidenza fil-proċeduri, iżda *se mai* konsultazzjoni da parti tal-ġudikant li għandu kull fakoltà li jirreferi għal opinjonijiet ta' terzi (kemm fil-forma ta' kotba, deċiżjonijiet, jew konverżazzjoni ma' persuni oħra) sabiex jorganizza l-ħsieb tiegħu u sabiex jasal għal konklużjoni dwar il-kwistjoni li jkollu quddiemu. Kemm-il darba tali referenzi u konsulti jagħtu lok għal xi forma ta' evidenza ġdida, mela l-principju ta' *audi alteram partem* jista jkun li japplika, iżda fejn dawn ir-referenzi ma jiżviluppawx f'evidenza, u l-partijiet ikunu tħallew jagħmlu l-każ taghhom, ma jkun hemm ebda ksur ta' dan il-prinċipju. Barra minn hekk, fil-kwistjoni odjerna l-partijiet ingħataw l-istess drittijiet, u ebda minnhom ma kien vantaġġjat jew żvantaġġjat fil-konfront tal-ieħor – it-tnejn ingħataw l-opportunità li jagħmlu l-każ tagħhom, li jressqu l-provi li jidhrilhom xierqa u li jeżaminaw il-provi u xhieda tal-parti l-oħra, u dan b'mod indaqs.
>
> "… … …
>
> "... ... ... Primarjament, huwa ta' relevanza l-fatt illi f'dan l-istadju [*sc.* meta nkisbet l-opinjoni tal-E.T. Av. George Abela] t-tribunal kien diġà wasal għal deċiżjoni unanima, u għalhekk, il-komunikazzjoni mal-Avukat Abela kienet biss, kif isejħilha ċ-*chairman* tat-tribunal Harold Walls, "skambjament". Kemm is-Sur Walls kif ukoll is-Sur Degiovanni jikkonfermaw ukoll li meta tkellmu mal-E.T. George Abela, lanqas biss ma ssemmew il-partijiet fil-kawża in kwistjoni, la li kienet involuta l-*union* appellata u lanqas li kien involut il-bank appellanti. L-iskambjament li sar kien jittratta biss il-prinċipju tal-komposizzjoni tat-tribunal f'kuntest ġenerali – hekk kif ġudikant jista' jikkonsulta mat-teoriji ta' awtur dwar prinċipju legali partikolari;

"Fit-tieni lok wieħed irid ukoll jikkunsidra r-raġuni għaliex it-tribunal fittex li jikkomunika ma' terzi, l-influenza li kellhom dawn il-komunikazzjonijiet tat-tribunal u jekk jistgħux jiqiesu bħala xi forma ta' prova derivanti minn ħatra ta' esperti;

"... ... ...

"Il-membri kollha tat-tribunal jikkonfermaw li l-komunikazzjoni mal-E.T. l-Avukat Abela saret wara li ttieħdet posizzjoni u d-deċiżjoni kienet dià miktuba, u għaldaqstant ma tqisitx bħala parir, jew xi prova ġdida li straħ fuqha t-tribunal, iżda biss konferma tal-posizzjoni li ħa t-tribunal, hekk kif ġudikant ieħor jikkonsulta mal-awturi biex jikkonforta l-ħsieb tiegħu – li fl-aħħar mill-aħħar lanqas biss effetwat il-posizzjoni tat-tribunal."

8. Il-*union* attriċi wieġbet hekk:

"Illi l-bank appellant jargumenta li ma kien hemm ebda ksur tal-prinċipju *audi alteram partem* għaliex iż-żewġ partijiet tħallew iressqu l-każ tagħhom u għaliex iż-żewġ partijiet ġew trattati b'mod ugwali. Bl-akbar rispett jiġi rilevat li għalkemm mhux ikkontestat li l-bank appellant (bħall-*union* appellata) ma kienx konoxxenti mill-fatt li t-Tribunal Industrijali ħa pariri esterni, dan bl-ebda mod ma jfisser li ma kien hemm ebda ksur tal-prinċipju *audi alteram partem*; anzi hekk kif iddeċidiet l-ewwel onorabbli qorti, dan il-prinċipju ġie miksur fit-totalità tiegħu u fil-konfront taż-żewġ partijiet, għaliex iż-żewġ partijiet ġew imċaħħda minn tali dritt. Il-bank appellant jargumenta li ġaladarba ż-żewġ partijiet kienu fil-għama dwar il-konsultazzjoni u ġaladarba t-tnejn li huma ġew imċaħħda mill-opportunità li jressqu l-argumenti jew il-mistoqsijiet tagħhom fid-dawl ta' tali konsultazzjonijiet allura l-prinċipju in kwistjoni ma ġiex miksur. Bl-akbar umiltà jiġi rilevat li dan l-argument ma jreġix għaliex filwaqt li l-prinċipju nnfisu jesiġi li kull parti fil-kawża jingħata l-opportunità li jsemma' leħnu, il-fatt li ħadd minnhom ma kellu tali opportunità ma jtejjibx il-preġudizzju li sofrew. Fil-każ odjern, il-partijiet innifishom ġew imwarrba b'mod komplet filwaqt li t-tribunal iddeċieda li jagħti widen lil żewġ konsulenti legali li lanqas kienu parti mill-kawża nnifisha u liema konsulenti qatt ma ġew maħtura bħala esperti legali permezz ta' digriet kif seta' faċilment isir u dan, bla ebda ombra ta' dubju, huwa ksur lampanti tal-prinċipju *audi alteram partem*.

"… … …

"Fid-dawl ta' dak ċitat, *fair hearing* żgur li ma jfissirx li persuni totalment estranji għall-każ ikollhom l-opportunità li jagħtu pariri u saħansitra jgħinu lit-tribunal jasal għad-deċiżjoni finali. Il-fatt li t-tribunal għażel li jibqa' jżomm kollox mistur jitfa' dell ikrah fuq il-mod ta' kif ġew kondotti l-proċeduri għax mhux talli l-partijiet ma ngħatawx l-opportunità li jagħtu l-opinjoni tagħhom dwar il-kwistjoni kollha (u dan bi ksur tal-prinċipju diskuss) talli tappnu l-kredibilità u t-trasparenza tal-proċess ġudizzjarju kollu bir-riżultat aħħari ta' nuqqas ta' *fair hearing*. … … …"

9. Il-qorti ma tarax illi l-parir mogħti mill-Av. Peralta jqanqal kwistjonijiet ta' smigħ xieraq billi dan il-parir iddaħħal fl-atti tal-proċess u kien aċċessibbli għall-partijiet li setgħu liberament jikkummentaw dwaru.

10. Dwar il-parir tal-Av. George Abela, għalkemm din il-qorti ċertament ma tistax taqbel mat-teżi tas-soċjetà konvenuta illi ġudikant jista' kważi b'leġġerezza jiddiskuti l-fehma tiegħu dwar kawża qabel il-pubblikazzjoni tas-sentenza, jew li taħdita ma' terza persuna tista' titqies bħala ekwivalenti ta' riċerka fuq materjal pubblikat u, għax pubblikat, disponibbli għal kulħadd, min-naħa l-oħra lanqas ma tista' taqbel mal-*union* attriċi illi bil-fatt biss illi ġudikant jieħu opinjoni ġenerika dwar interpretazzjoni ta' liġi, bla ma jidħol fid-dettalji tal-każ konkret, ikun qiegħed jikser ir-regola *audi alteram partem*. Il-qorti ma tarax li hemm ksur ta' dik ir-regola fil-każ tallum għal żewġ raġunijiet:

11. L-ewwelnett ix-xiehda turi illi l-opinjoni tal-Av. Abela ngħatat wara li t-Tribunal kien wasal għad-deċiżjoni tiegħu, għalkemm kien għadu ma ippubblikahiex, u b'ebda mod ma wasslet biex it-Tribunal ibiddel il-fehma tiegħu. Għalhekk, la ma kellha ebda influwenza fuq l-eżitu, ma tistax titqies bħala relevanti għall-għanijiet tal-kawża tallum.

12. Dan ma jfissirx illi t-Tribunal neċessarjament mexa sew, aktar u aktar meta tqis x'kienet ir-raġuni għala t-Tribunal fittex l-opinjoni tal-Av.

Abela, kif fissirha Anthony DeGiovanni, membru tat-Tribunal[2], iżda ma jwassalx għal ksur ta' *audi alteram partem*.

13. It-tieni raġuni għala l-qorti ma tarax illi ma kienx hemm ksur ta' *audi alteram partem* hija illi, kontra dak li tgħid il-*union* attriċi, ma huwiex il-każ illi l-partijiet kienu mċaħħda mill-opportunità li jagħmlu s-sotto-missjonijiet tagħhom dwar il-materja tal-kompetenza tat-Tribunal għax din il-kwistjoni kienet ġà tqanqlet qabel u kien ġà ngħata l-parir tal-Av. Hugh Peralta dwarha. Għalhekk il-partijiet kienu jafu li din kienet kwistjoni illi t-Tribunal kien qiegħed jiddebatti dwarha u setgħu jagħmlu sottomissjonjiet dwarha. Tassew illi ma kellhomx opportunità illi jagħmlu osservazzjonijiet dwar l-opinjoni mogħtija mill-Av. George Abela iżda dik l-opinjoni, kif rajna, ma kellha ebda influwenza fuq l-eżitu tal-każ.

14. Il-*union* attriċi iżda tgħid illi t-Tribunal mexa bi ksur tal-art. 77(2) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali ["Kap. 452"]:

> **"77.** (2) ... ... ... it-Tribunal ikollu s-setgħa li jħarrek xhieda u li jagħti ġuramenti, li jinnomina assessuri, u li jeħtieġ lil kull persuna li fil-fehma tiegħu jkollha tagħrif speċjali ta' xi ħaġa rilevanti, jew dwar xi ħaġa li jkollha x'taqsam mat-tilwima ta' xogħol jew mal-ilment mibgħut lilu, jew tal-kwistjoni mibgħuta lilu, li tagħtih, bil-miktub jew xort'oħra, u li tikkonferma bil-ġurament, dik il-fehma u dawk il-partikolaritajiet dwar dik it-tilwima, każ jew ilment li t-Tribunal jista' jeħtieġ, u jista' jawtorizza lil kull persuna li tagħti l-ġurament għal dan l-għan."

15. Il-*union* attriċi fissret hekk l-argument tagħha:

---

[2] Ara x-xiehda ta' Anthony DeGiovanni fl-24 ta' Mejju 2010, *fol.* 100 tal-proċess tal-ewwel qorti.

> "... ... ... il-*union* appellata tikkontendi li l-ewwel onorabbli qorti kienet legalment korretta meta sostniet li t-Tribunal Industrijali kien obbligat josserva l-artikolu 77(2) tal-Att kostituttiv tiegħu, ... ... ... u għalhekk kien obbligat li jaħtar esperti legali (ġaladarba ħass il-bżonn li jikkonsulta ma' żewġ avukati) b'mod uffiċjali u bil-proċedura solita sabiex il-partijiet ikollhom l-opportunità li jsemmgħu leħinhom, iressqu l-ilmenti u l-argumenti tagħhom u fil-każ partikolari jressqu l-oġġezzjoni tagħhom għal tali ħatra. L-ewwel onorabbli qorti kienet korretta meta sostniet li t-Tribunal Industrijali ma kellux għażla dwar il-metodu li kellu jiġi adottat u konsegwentement, ġaladarba tali proċedura ma ġietx segwita, anzi jerġa' jiġi enfasizzat li kollox sar bil-moħbi tal-partijiet, l-ewwel onorabbli qorti ma kellha ebda alternattiva oħra ħlief li tiddikjara s-sentenza tat-Tribunal Industrijali bħala nulla u bla effett fil-liġi."

16. Il-qorti taqbel mal-attriċi illi kien ikun aktar għaqli t-Tribunal li kieku mexa strettament mal-art. 77(2) għalkemm forsi tista' tasal biex tgħid illi parir ġeneriku u astratt, u mhux marbut maċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ konkret, ma jaqax fil-parametri tal-art. 77(2). F'kull każ, iżda, kif sewwa osservat l-ewwel qorti, dan ma huwiex appell mid-deċiżjoni tat-Tribunal u l-każijiet fejn il-qorti tista' timpunja deċiżjoni tat-Tribunal huma limitati. Tassew illi dan jista' jitqies każ ta' "non-osservanza tal-liġi kostitutiva" iżda l-konsegwenzi kienu minimi jekk mhux għal kollox assenti u, għar-raġunijiet mogħtija fuq, ma kien hemm ebda pre-ġudizzju għall-partijiet billi l-opinjoni tal-Av. George Abela kienet bla influwenza fuq l-esitu tal-każ.

17. Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi l-appell mis-sentenza tal-ewwel qorti safejn din ħassret id-deċiżjoni tat-Tribunal għandha tintlaqa'.

18. Is-soċjetà konvenuta ressqet ukoll aggravju kontra dik il-parti tas-sentenza appellata li qalet illi t-Tribunal għamel ħażin meta qal illi bid-deċiżjoni tiegħu "tintemm it-tilwima". Dan l-aggravju ġie mfisser hekk:

"... ... ... l-ewwel onorabbli qorti tat piż żejjed lid-diċitura tat-tribunal, *oltre* dak li kien ovvju, u naqset milli tara kemm kien ovvju dak li ried jgħid it-tribunal.

"Huwa ferm komuni li l-frazi "hekk tintemm din-it tilwima ta' xogħol" jew "hekk tintemm din it-tilwima", jew frażijiet simili, jintużaw mit-Tribunal Industrijali fid-deċiżjonijiet li jingħataw, u dan biss biex jintwera t-temm tal-proċeduri. Jekk wieħed iħares lejn id-deċiżjonijiet mogħtija mit-Tribunal Industrijali f'dawn l-aħħar snin, isib xi waħda minn dawn il-frażijiet fil-maġġor parti tagħhom.

"Il-bank appellanti umilment jissottometti li ma kienx hemm għalfejn wieħed jagħti daqstant piż lil din il-frażi fiċ-ċirkustanzi, għaliex huwa loġiku li l-intenzjoni tat-tribunal ma kien xejn għajr li jfisser li kienu qed jintemmu l-proċeduri quddiemu."

19. Il-*union* attriċi wieġbet hekk:

"Illi t-tieni aggravju tal-bank appellant jikkonċentra fuq it-temm tal-vertenza quddiem it-Tribunal Industrijali għaliex jargumenta li l-ewwel onorabbli qorti tat wisq piż fuq id-diċitura tat-tribunal meta ddikjara li l-kwistjoni bejn il-partijiet kienet intemmet. L-*union* appellata ma taqbilx mal-argument imressaq mill-bank appellant għaliex la t-Tribunal Industrijali ħass li ma kellux kompetenza biex jisma' u jiddeċiedi l-każ, kellu jasal għal din il-konklużjoni u jieqaf hemm biex jekk ikun hemm il-possibilità [li] r-rikorrent jitlob rimedju quddiem dik il-qorti jew it-tribunal kompetenti. Id-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali ma tagħtix lok għal tali rimedju u huwa proprju għalhekk li l-ewwel onorabbli qorti kienet korretta meta ddikjarat li t-Tribunal ma kellux itemm il-vertenza iżda kellu minflok iħalliha miftuħa. Huwa minnu li numru ta' kawżi quddiem it-Tribunal Industrijali jinkludu frażijiet "u hekk tintemm din it-tilwima" iżda tali frażijiet jiġu inklużi f'każijiet fejn verament tkun intemmet it-tilwima u l-kawża fil-mertu tagħha tkun ġiet deċiża mhux f'każijiet fejn it-Tribunal lanqas biss iddeċieda fuq il-mertu tal-vertenza nnifisha iżda xorta waħda ddikjaraha bħala mitmuma."

20. Effettivament il-posizzjonijiet tal-partijiet fuq dan l-aggravju ma humiex daqstant imbiegħda, għax is-soċjetà konvenuta qiegħda tikkonċedi illi l-effett tad-deċiżjoni tat-Tribunal ma hijiex illi t-tilwima ntemmet għal kollox iżda biss illi ntemmu l-proċeduri dwar dik it-tilwima quddiemu. Il-qorti għalhekk ma tarax il-ħtieġa illi jintlaqa' dan l-aggravju u għalhekk, għalkemm sejra tħassar is-sentenza appellata fejn din ħassret id-deċiżjoni tat-Tribunal, u hekk sejra terġa' tinġieb fis-seħħ dik id-

deċiżjoni, il-qorti sejra tippreċiża illi din għandha tiftiehem fis-sens illi t-tilwima għandha titqies illi ntemmet bis għall-għanijiet tal-proċeduri li ngħalqu quddiem it-Tribunal.

21. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tipprovdi dwar l-appell billi tħassar is-sentenza appellata tal-ewwel qorti, b'dan illi l-kelmiet "b'hekk tintemm din it-tilwima tax-xogħol" fid-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tal-10 ta' Mejju 2007 għandha tiftiehem biss fis-sens li ntemmu l-proċeduri dwar it-tilwima quddiem it-Tribunal, bla ħsara għal kull jedd ieħor li jista' jmiss lill-partijiet dwar l-istess tilwima.

22. L-ispejjeż kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell tħallashom il-*union* attriċi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------